MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Appell Kriminali Numru. 46/2005

**Il-Pulizija
(Spt. Carlo Ellul)**

**Vs**
Noel Tanti

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Jannar, 2005 ghall-habta tal-10.00 a.m. gewwa l-Pjazza San Pawl, Hamrun :**
**1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;**
**2) hedded bi kliem lil Sylvana Tanti.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar, 2005, li biha, fil-waqt li sabet lill-akkuzat mhux hati tat-tieni akkuza w illiberatu minnha, sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w,

wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-akkuzat li jobbliga ruhu li jzomm il-kwiet ma' Sylvana Tanti u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd u jekk jonqos minn din l-obbligazzjoni, jobbliga ruhu li jhallas is-somma ta' LM100 penali, liema obbligazzjoni ghandha tibqa fis-sehh ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata illi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, w tirrevokaha ghall-kumplament, u hekk tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma :- 1. li l-appellant hu bniedem kwiet u bizzejjed sofra minnghand martu imma b'ebda mod mhu aggressive, mentri martu taf tohloq xena ta' miskina w dan wara li harbitlu mid-dar b' zewgt itfal ma dak li suppost kien habib tal-familja, certu Theo Said . Meta l-appellant kellem lil martu fuq dan, hi qalet li kien theddid. Il-Qorti lliberatu minn din l-akkuza. Imma martu qalet ukoll li hu kien ghamel storbju hdejn l-ghassa. Ix-xhud Surgent Spiteri bl-ebda mod ma qal li kien hemm storbju gol-ghassa jew hdejn l-ghassa tal-Hamrun . L-appellant cahad li kien ghamel storbju, li ggieled jew li kiser il-paci pubblika w ghalhekk kellu jigi liberat ghax hu ma kien hati ta' xejn u kollox kien montatura ta' martu . Il-ksur tal-paci pubblika ma jfissirx li jkun hemm tnejn minn-nies jitkellmu w ma jaqblux bejnithom. Irid ikun hemm disturbance tal-*public peace*. F' dal-kaz la kien hemm glied bl-idejn, la tghajjir, la nies jindahlu, imma skond Sylvia Tanti espressjoni wahda li l-Ewwel Qorti rriteniet li ma tikkostitwix thedida w skond l-appellant lanqas tikkostitwixxi glied. 2. Illi l-artrikolu 383 (1) jaghmel zewg ipotesijiet – garanzija jew "ghas-sikurta' ta' persuni" jew "ghall-buon ordni"..Biex ikun hemm garanzija favur is-sigurta' tal-persuni, irid jkun hemm reat li jirriferi li b' xi mod kien hemm ghall-inqas kontravvenzjoni li tirrientra fl-ambitu tal-**

**kontravvenzjonijiet tal-persuni. Il-formola tal-garanzija kif ordnat il-Qorti kienet tkun applikabbli w skond il-ligi kieku nstab hati li hedded lil Sylvana Tanti imma mhux il-ksur tal-paci pubblika in generali. Se mai, l-garanzija kellha tkun biex "izomm il-paci pubblika" .**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tal-14 t' April, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mix-xhieda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jemergu dawn il-fatti saljenti w cioe' :-**

PS 442 PETER SPITERI **xehed li minkejja li kien hemm digriet tal-Qorti Civili ghall-access, it-tifel tal-appellant Jonthan ma riedx imur ma ommu. Mrs Tanti kien ghamlet rapport li l-appellant kien beda jghajjat u qalilha : "issa nurik" u "Dak qed jghidilkom Theo?" u "qed itik il-pezzijiet fejn torqod?". Hu ma kienx fehem ghal min kien qed jirriferi meta issemma Theo. Hi dahlet minn barra l-ghassa biex tirraporta x' kien gara.**

SILVANA TANTI **xehdet li hi u zewgha , l-appellant kienu qed jisseparaw . Dak in-nhar meta hargu mill-ghassa l-appellant kien beda jghajjat : "Issa Nurik, dak li qed jghidilkom Theo" , bil-herra u mhux forma ta' domanda. Spjegat li Theo kien habib taghhom u kien iwassal lilha w lit-tfal u jista' jkun li l-appellant jghir ghalih. Theo telaq lil martu . Dan Theo ma ddecidiex fuq it-tfal taghha. L-appellant il-gost tieghu hu li jwerwer lit-tfal u li jarhom jibku w jiddendlu maghha.**

L-APPELLANT **minn jeddu xehed li d-diskors li kien qal dak in-nhar kien : "Issa nurikom it-tfal ma min joqghodu u kif tuzawhom bhala arma int u Theo Said." Meta martu kienet harbet mid-dar, kienet marret tghix ma dan Theo Said. Mhux veru li dan Said kien habib tieghu izda l-ghadu tieghu. Martu tirkeb mieghu biss. Mistoqsi in kontroezami jekk hu kienx ghajjat ghax jghir ghalih talli kien ghamillu, l-appellant cahad li kien ghajjat.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' theddid imma sabitu hati tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali u cioe' dik ta' min *"b' xi mod iehor mhux imsemmi band' ohra f' dan il-Kodici , jikser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku."***

**Illi pero' mix-xhieda mismugha minn din il-Qorti jidher li hemm konflitt serju fil-provi dwar dak li qal l-appellant u jekk hu ghajjatx meta qalu. Fil-fehma ta' din il-Qorti konjugi li qieghdin f' kawza ta' separazzjoni w li jiskambjaw xi kliem - kemm jekk hu dak li tghid li ntqal mart l-appellant u kif ukoll jekk hu dak li jghid li qal l-appellant – ma jkunux qed jiggieldu ghall-fini tal-kontravvenzjoni in dizamina . Huwa lecitu ghall-parti fiz-zwieg li tkun qed issofri mill-"giusto dolore" ghax forsi thoss li qed tigi traduta, li taghmel lanjanza mall-parti l-ohra dwar dan, purche' li dan isir minghajr ghajjat, minghajr theddid jew agir aggressiv jew vjolenti iehor.**

**Issa l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata gustament irriteniet li ma kienx hemm theddid fil-kliem li qal l-appellant lil martu w allura wiehed irid jara f' hix seta' kien jikkonsisti l-ksur volontarju tal-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali**

**javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-*"common law*" Ingliza kien jissejjah "*a breach of the peace*" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.**

**Fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" **[23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet :** "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." **kien qal hekk :-**

***"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato."* (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).**

**Fl-istess sentenza ta'** Paul Busuttil **gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-**

***"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In*** *Ferguson v. Carnochan* ***(1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term :***

***in*** *Macmillan v. Normand* ***(1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .***

**u dik il-Qorti ziedet tghid li :-**

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh,* 1978):

***"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41-01).***

***U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-***

***"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04).***

**Ikkonsidrat;**

Issa li kieku kellu jirrizulta li fit-triq barra l-ghassa kien hemm xi diverbju "a voce alta" li seta' gibed l-attenzjoni tan-nies jew li seta' holoq certa apprensjoni fost dawk li kienu vicin, wiehed jifhem li setghet talvolta tirrizulta l-kontravvenzjoni in dizamina. Pero' fl-istat tal-provi fejn kull ma hemm hija d-depozizzjoni ta' mart l-appellant kontradetta mic-cahda tal-istess appellant dwar jekk hu ghajjatx jew le meta kien qal il-kliem in kwistjoni, din il-Qorti thoss li din il-kontravvenzjoni ma gietx sufficjentement pruvata, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

**Konsegwentement l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata riformata billi qed tigi konfermata in kwantu sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni imputazzjoni w revokata in kwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w in kwantu ordnat lill-appellant li jobbliga ruhu li jzomm il-kwiet ma Sylvana Tanti u li jzomm il-buon ordni ma' kullhadd u li jekk jonqos minn din l-obbligazzjoni, jhallas is-somma ta' LM100 bhala penali, obbligazzjoni li kellha tibqa' fis-sehh ghal zmien sena, w minnflok issibu mhux hati ta' din l-imputazzjoni w minnha tilliberah, b' hekk li hu qed jigi liberat minn kull imputazzjoni, piena w ordni ta' garanzija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------